# IL-WARDA TAL-MULEJ

*Ta' ĠUŻE' CARDONA*

*Lil Dun Karm Mercieca, Missjunarju fil-Brażil, fl-Ewwel Quddiesa Solenni, S. Ġorġ, Qormi, Malta.*

Bħal warda kollha ġmiel qabel ma tiftaħ,
Għażlek Għalih imgħaxxaq il-Mulej:
Sawrek bil-grazzji, ħarsek minn kull dnewwa,
Biex tfewwaħ fuq l-Artal u tkun Mexxej,
Bħal Pawlu, tal-Wemmiena f'Art imbiegħda
U tkompli ta' dik l-Għażla l-akbar Wegħda.

Il-Wegħda li tkun tixbah lil Min Għażlek
Lissint minn jeddek fil-Brażil fil-bogħ'd:
Li tinsa lilek biex tgħix biss għal għajrek,
Li tħalli 'l Niesek, 'l Artek bla tirtogħ'd;
Għax qawwi ħsiebek, mimli b'dawl divin
Ridt tiċħad kollox f'taż-żgħożija s-snin.

Illum erġajt fewwaħt l-Art li nisslitek
Biex fwieħtek tħajjar żgħażagħ għall-Brażil;
Tħajjarhom mill-frugħat, mill-ġid jinfatmu,
Biex jaqdu 'l Alla biss, għax ix-xogħ'l tqil
Tal-Ħsad jitħaffef b'iżjed qassisin . . .
— Morru qalbiena ma' Dun Karm henjin!

L-Ewwel ta' Jannar 1966.